TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 4/2024**

Data: It-Tnejn, 9 ta' Settembru 2024

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 74 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Annabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**4.1 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 3**

4.1.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.3 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**4.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 3**

4.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Anabelle Marmara u s-Sur Dasier Damato ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-13 t' Awwissu 2024 u d-9 ta' Settembru 2024 li kienet tammonta għal €49,307.43.

**4.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 3**

| | |
|---|---|
| **4.3.1 Ħatra tal-Board tal-Għażla għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sindku semma li s-Sa. Tiffany Abela li kienet magħżula mill-Board tal-Għażla u offruta l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv, ma aċċettatx li tiġi fil-Kunsill ta' Ħal Tarxien peress li kienet qed tistenna l-intervista tal-Kunsill Lokali li fih hi qiegħda Deputat. |

**TARXIEN**
Local Council

| | |
|---|---|
| **4.3.2 Post Vakant Assistent Prinċipal fi skala 11** | Is-Sindku semma l-applikazzjonijiet għal dan il-post vakant kienu reġgħu infetħu. Semma li sa issa l-ebda applikant ma kien instab kompatibbli għal din il-pożizzjoni. Kif ukoll li l-applikazzjonijiet kienu l-vera ftit. |
| **4.3.3 Charging Pillars** | Is-Sur Neil Portelli spjega li wara laqgħa li kellu mal-aġenzija kkonċernata, jidher li dawn ic-cahrging pillars iridu jitilgħu għal 10 postijiet. Semmew li kull charging pillar li jiġi installat ikollu bżonn 3 parking spaces. Il-Kunsillier responsabbli semma li ser ikompli l-komunikazzjoni u ser jipprova li sal-laqgħa li jmiss jikkonkludi fuq din il-materja. |
| **4.3.4 Approvazzjoni ta' bye-law għall-kiri ta' faċilitajiet** | Is-Sindku preżenta l-Bye-Law li tinstab annessa mal-Minuti mmarkata Dok A. |
| **4.3.5 Proposta sabiex jibda jopera l-grawnd 5 a side** | Is-Sindku semma li wara diskussjonijiet interni u anki sabiex dan l-irwol ikun wieħed separat minn dak klerikali kien hemm qbil li dan il-post vakant joħroġ fuq skala 17 u jkun full-timer. |
| **4.3.6 Public Liability Policy mitluba mill-BCA** | Is-Sindku semma li BCA qed titlob li bennejja li jkunu ser jagħmlu xogħlijiet ta' kostruzzjoni irridu jippreżentaw Public Liability policy. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ma jistax joħroġ il-polza mill-Kunsill għan-nom tal-kuntratturi anki jekk dawn ikunu qed jagħmlu xogħol minuri. Il-Kunsill qabel li jipproċedu kif propost. |
| **4.3.7 Toddlers area Gnien Joanne** | Is-Sindku spjega li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet u qed isir xogħol anki mal-Perit. |
| **4.3.8 Triq it-Tempji Neolitiċi** | Is-Sindku semma li wara l-komunikazzjoni li kien hemm mal-Ministru kkonċernat ser ikun hemm laqgħa mal-Inġinier responsabbli. |
| **4.3.9 Arkata ġewwa Trejqet Karl Chircop** | Is-Sindku semma li għadhom qed jintalbu l-kwotazzjonijiet. Sabiex ikun jista' jsir dan ir-restawr. |

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **4.3.10 Restawr Madonna tar-Rużarju Triq Xintil** | Is-Sindku semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinbeda dan ix-xogħol ta' restawr. |
| **4.3.11 Van tal-Kunsill għar-residenti** | Is-Sindku semma li l-van ser ikun qed jitwaqqaf għal jumejn sabiex tkun tista' ssirlu l-istaffa. |
| **4.3.12 Notice Boards** | Is-Sindku semma li dawn għadhom ser jeħlu fiż-żoni propost imma għadhom ma twaħħlux għalissa. |
| **4.3.13 Sports Week** | Is-Sindku semma li fuq proposta tas-Sur Glenn Urry, il-Kunsill kien ser jorganizza Fun Walk b' risq Puttinu. Ser issir nhar 29 ta' Settembru. Ir-rotta ser tkun skond Dok B anness. Ser isiru gabbani fejn jista' jitqassam l-ilma kif ukoll jiġi organizzat entertainment ta' mużika waqt il-mixja. Is-Sa. Darlene Vella semmiet li l-Għaqdiet ser ikunu qed jipparteċipaw.<br>Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li importanti li jsiru xi tip ta' polo shirts bl-emblema tal-Kunsill sabiex min ikun qed jieħu ħsieb l-attivita' għan-nom tal-Kunsill dawn ikunu jistgħu jiddistingwixxu lilhom infushom. |
| **4.3.14 Tarxien Rainbows** | Is-Sindku semma li Tarxien Rainbows bagħtu bil-miktub li għandhom bżonn jagħmlu użu mill-grawnd kif imniżżel aktar 'l isfel: kull nhar t'Erbgħa bejn 4pm u 7pm, kull nhar ta' Sibt bjen 9am u 12pm, il-Ħadd bejn 9am u 12pm. Is-Sur Urry semma li huwa lest li jmur jittawwal jekk jinqalgħu xi problemi waqt l-użu, semma wkoll li l-Manager ta' Tarxien Rainbows ser ikun responsabbli mill-grawnd waqt il-ħin ta' training.<br>Kien hemm qbil mill-Kunsill li Tarxien Rainbows jagħmlu użu mill-Grawnd b'mod immedjat. |
| **4.3.15 Festa Ħelu** | Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li hija qiegħda f'kuntatt mal-Ambaxxati sabiex naraw kif ninvolu pajjiżi u kulturi differenti waqt din l-attivita'. Semmew li is-Sibt l-attivita' ser tkun bejn 7pm u 11pm filwaqt li l-Ħadd ser |

TARXIEN
Local Council

tkun bejn 2pm u 8pm. Semmew li ssir reception għall-ftuħ ta' Festa Ħelu. Semmew li l-stands għandhom ikunu ta' EUR60 fuq jumejn filwaqt li l-Għaqdiet għandhom jarmaw mingħajr ħlas. Semmew li f'każ ta' gabbani kbar il-prezz għall-ispazju għandu jkun deċiż aktar 'il quddiem.

**4.3.16 Rivista tal-Kunsill**

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li qed jinġabru l-quotes mill-Kunsill għall-istampar ta' l-ewwel rivista. Semmiet li importanti materjal li jrid jidaħħal fil-pubblikazzjoni għandu jasal għandha sal-aħħar t' Awwissu.

**4.3.17 Fire Warden Course**

Is-Sindku semma li ser isir il-kors għall-komunita' organizzat mis-Sa. Darlene Vella. Semma li l-kwotazzjonijiet inġabru u bdiet ir-reġistrazzjoni.
Is-Sa. Vella talbet li jkun hemm talba ma' CPD sabiex issir esebizzjoni ta' Fire Engine fil-Pjazza tal-lokal nhar 20 t' Ottubru.

**4.3.18 Attivita' mill-Għaqdiet fl-1 ta' Novembru**

Is-Sa. Darlene Vella semmiet li kompliet bil-komunikazzjoni mas-Sur Fiott li ser ikun qed jorganizza din l-attivita'. Semmiet li min-naħa tagħha qed tassisti sabiex l-Għaqdiet ikunu involuti.

**4.3.19 Cat Feeders**

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li ser jibdew it-tqassim ta' vouchers tal-cat feeders mill-Kunsill Lokali.

**4.3.20 Festa Tberik tal-Annimali**

Is-Sindku semma li qed jaħdem flimkien mas-Sa. Nicole Farrugia sabiex tkun tista' tiġi organizzata l-Festa ta' Tberik tal-Annimali.
Is-Sa. Nicole semmiet li kien ser jiġi ffirmat ftehim mal-baned tal-lokal sabiex permezz ta' polza kull banda tati kontribut tagħha waqt il-Festa ta' Tberik tal-Annimali. Semmiet li f' dan l-MoU ser ikun hemm stipulati l-obbligi kollha u li l-Kunsill ser ikun qed iħallas €1000. Semmiet li huma ser joffru madwar 20 bandist, ma' jkun

hemm ebda użu ta' standard, spalletti jew uniformi, ma jindaqqux innijiet.
Semmiet li l-purċisjoni ser titlaq minn Ġnien Ovindoli sa ħdejn il-Knisja. Semmiet li ħlas għall-pets huwa ta' EUR3 filwaqt li ħlas ta' Eur10 f' każ ta' żwiemel.
Semmiet li l-Ministeru forsi jagħti xi kotba tal-annimali sabiex jitpoġġew fil-liberija.

**4.3.21 Contracts Manager**

Is-Sindku spjega li kienet ser tinħareġ rikjesta għall-kwotazzjonijiet sabiex jiġi ingaġġat contracts manager. Semma li għandu jkun hemm rata fissa fix-xhar u li l-Kunsill għandu jassenja t-tasks minn xhar għal xhar.

**4.3.22 Foam Party għat-tfal**

Is-Sur Dasier Damato semma li l-preparamenti tal-Foam Party huma lesti, semma li sab sponsors sabiex jagħtu xi goodie bag lit-tfal li jattendu.
Is-Sindku semma li kien ser jieħu ħsieb li jġib xi ikel għat-tfal li jattendu anki perezz li l-prezz ta' dħul huwa ta' EUR5.

**4.3.23 Kunsill ta' tfal**

Is-Sur Dasier Damato semma li kien qed jaħdem mal-Fondazzjoni for Social Well Being sabiex ikun iffirmat l-ewwel Kunsill ta' tfal fil-lokal. Semma li fil-ġimgħat li ġejjin ser tissejjaħ l-ewwel laqgħa. Semma wkoll li ladarba l-Kunsill ta' tfal jibda jiffunzjona dan kull sitt xhur jibda jiltaqgħa wkoll mal-Kunsill.

**4.3.24 Back to School**

Is-Sindku talab lis-Sur Damato sabiex jaħdem ukoll fuq il-Back to School. Is-Sindku semma li s-soltu jġibu xi mascots u jagħmlu red carpet.
Is-Sindku semma li ser ikun qed jibda jaħdem ukoll fuq Festa Tfal.

JAG

TARXIEN
Local Council

**4.4 Ħaddiema Klerikali Kunsill Lokali Tarxien – Mozzjoni mis-Sindku**

4.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzzjoni talba li ġiet sottomessa minn waħda mill-ħaddiema sabiex il-Kunsill ikunu jista' japprovalha unpaid leave sabiex hija tkun tista' tmur position of trust.

4.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega tal-klawżoli tal-Ftehim Kollettiv kif ukoll spjega tax-xogħol amministrattiv li jrid isir u minn min irid isir fid-dawl li waħda mill-ħaddiema tiġi rilaxxata. Spjegat ukoll li saret talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tingħata assistenza peress li hemm persuna b'long sick leave u persuna oħra li ser tkun qed tibda long sick leave minħabba mard serju fiż-żmien li ġej. Semmiet li t-talba ġiet milqgħuha u d-Dipartiment kien ser joffri l-assistenza tiegħu billi jibgħat persuna min-naħa tiegħu.

4.4.3 Wara diskussjoni bejn il-Membri fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella u bi qbil unanimu l-unpaid leave tal-ħaddiema kien approvat.

4.4.4 Waqt id-diskussjoni kien deċiż ukoll li l-ħaddiem li kien ser jiġi jassisti min-naħa tad-Diviżjoni ma kienx hemm bżonnu għalissa dan anki minħabba li huwa talab li jaħdem remotely tliet darbiet fil-ġimgħa u li l-problema tal-Kunsill kienet li xi ħadd ried jiftaħ il-Kunsill. Għaldaqstant fuq proposta tas-Sindku ssekondata b'mod unanimu talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tikkomunika mad-Diviżjoni li din l-għajnuna għalissa mhix meħtieġa.

4.4.5 Min-naħa l-oħra s-Sindku ressaq mozzjoni li hija annessa u mmarkata bħala Dok C. Fuq qbil unanimu l-Kunsill approva li l-istess impjegata li applikat għall-unpaid leave, il-Kunsill mill-1 ta' Novembru 2024 itella' lil din il-ħaddiema minn skala 16 għal skala 15. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan imur lilhinn mir-regolamenti tar-Riżorsi Umani u li kieku seta' jsir b'mod awtomatiku ma' kellha l-ebda problema li l-ħaddiema teskala peress li hija persuna valida u li tati kontribut sħiħ fl-amministrattiv u fil-proġetti kollha tal-Kunsill. Semmiet li hija ser tkun qed tikkomunika din id-deċiżjoni mad-Dipartiment.

4.4.6 Kien konkluż li kollox ser ikun ikkomunikat mal-impjegata u li din sal-Ġimgħa, 13 ta' Settembru trid tikkomunika mal-Kunsill x'deċiżjoni ser tkun qed tieħu.

TARXIEN
Local Council

**4.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.5.1 Kien diskuss li hemm bżonn isiru bozoz fi Triq Guże D' Amato mal-Flats, Triq il-Palma ma' Triq Sqajjaq, Triq Mariano Gerada ħdejn il-Flats u Santu Wistin kantuniera ma' Sisters Street.

4.5.2 Is-Sindku semma li l-Kunsillier Neil Portelli flimkien mal-Perit qed jaħdmu sabiex titlesta l-BOQ tal-Framework Agreement mal-Public Works. Semma li ser tkun qed tiġi proposta li jsir il-proġett ta' madwar Ġnien Joanne. Semma li ser idur ukoll Sqaq l-Erwieħ, Bankini ta' Kurunell Mass, Triq Santa Marija u Triq il-Fieres.

4.5.3 Is-Sindku semma li r-Reġjun assista billi provda l-ħaddiema tal-Komunita' sabiex jgħinu f'żebgħa li saret f'żoni pubbliċi.

4.5.4 Is-Sindku semma li l-proġett ta' tibdil ta' tabelli li m' għadhomx fi stat tajjeb kważi qed ikunu konklużi peress li tbiddlu ħafna mit-tabelli. Semma li wara dan ser ikun qed jibda proġett sabiex ibiddel it-tabelli tal-ismijiet tat-toroq.

4.5.5 Is-Sa. Darlene Vella talbet sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet biex ikun jista' jsir il-kors tal-First Aid għar-residenti.

4.5.6 Is-Sa. Vella semmiet li ser ikun qed jiġi organizzat Pasta Night ġewwa Dar Nazzaret għal Żmien il-Milied.

4.5.7 Semmew ukoll li ser ikun qed jiġi organizzat Football Tournament fi żmien il-Milied.

4.5.8 Is-Sur Neil Portelli li huwa qed jaħdem fuq redirections ta' traffic managment fil-lokal.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

4.6 **Aġġornament**

4.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 29 t' Ottubru 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok A

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2024 dwar l-Użu ta' Faċilitajiet u Amministrazzjoni
(Kunsill Lokali Tarxien)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Tarxien, għamel dawn il-Bye-Laws li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-Bye-Laws hu Bye-Laws tal-2024 dwar l-Użu ta' Faċilitajiet u Amministrazzjoni (Kunsill Lokali Il-Tarxien).

Tifsir.

2. F'dawn il-Bye-Laws, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikant" tfisser kwalunkwe persuna, sew jekk individwu, klabb, assoċjazzjoni, soċjetà, Ministeru, Dipartiment u/jew entità oħra tal-Gvern inkluż dawk para-statali, li tapplika biex tuża l-faċilitajiet;

"Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali;

"attrezzatura" tfisser kull proprjetà tal-Kunsill Lokali, sew jekk mobbli jew jekk immobbli, li tinkludi iżda mhijiex limitata għal għodda u makkinarju, ħwejjeġ, kompjuters, internet, mobilità, għamara tat-triq, tal-uffiċċju jew materjal edukattiv ieħor.

"faċilitajiet" tfisser kull post jew binja, tagħmir, attrezzatura jew proprjetà li hi provduta minn jew taqa' taħt il-ġurisidizzjoni tal-Kunsill Lokali;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Tarxien;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Ħal Tarxien kif murija fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att;

"persuna" tfisser kwalunkwe persuna, kumpanija, klabb, għaqda, assoċċjazzjoni, soċjeta', Ministeru, Dipartiment u/jew entita' oħra tal-Gvern inkluż dawk para-statali.

"persuna awtorizzata" tfisser il-persuna, kumpanija, klabb, għaqda, assoċjazzjoni, soċjetà, Ministeru, Dipartiment u/jew entità oħra tal-Gvern,

inkluż dawk para-statali li ngħatat awtorizzazzjoni mill-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-Bye-Laws għall-użu ta' din il-faċilità;
"tagħmir" tfisser kull ħaġa mpoġġija jew imwaħħla fil-faċilitajiet

Użu ta' faċilitajiet

3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe permess ieħor li jista jkun meħtieġ minn kwalunkwe awtorità jew taħt xi liġi oħra, persuna tista' biss tagħmel użu mill-faċilitajiet jekk tiksebl-awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub tal-Kunsill, wara li tkun segwit il-proċedura stabbilita f'Bye-Law erbgħa (4) ta' din il-Bye-Law.

Applikazzjoni għal użu tal-faċilitajiet.

4. (1) Persuna tista' tikseb l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-faċilitajiet wara li tiġi sottomessa l-applikazzjoni fuq il-formola stabbilita fl-Ewwel Skeda lill-Kunsill, jew b'xi mod ieħor li jkun determinat mil-Kunsill skont in-natura tal-faċilita' mitluba għal użu.

(2) Il-Kunsill, fi żmien ħmistax-il jum minn meta tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni, għandu jibgħat bil-miktub l-approvazzjoni jew ir-rifjut għal dik l-applikazzjoni.

Iżda f'każ ta' rifjut il-Kunsill għandu wkoll jindika ir-raġuni tar-rifjut.

(3) Meta l-applikazzjoni tiġi approvata, l-persuna awtorizzata għandha tirrispetta t-termini u l-kondizzjonijiet elenkati fit-Tieni Skeda.

(4) L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn xahar (1) qabel l-attivita proposta jew l-kiri tal-attrezzatura, jew kull żmien iehor li jkun determinat mil-Kunsill Lokali.

(5) Meta tiġi ppreżentata aktar minn applikazzjoni waħda (1) li titlob li l-attività tinżamm fl-istess post u fl-istess ġurnata, l-ewwel applikazzjoni riċevuta għandha tingħata prijorità.

Iżda jekk numru ta' applikazzjonijiet jaslu fl-istess ħin, l-applikant residenti fil-lokalità għandu jingħata prijorità.

Iżda jekk l-applikanti jkunu kollha mill-istess lokalità jew jekk l-ebda minnhom ma jkun mil-lokalità, il-Kunsill għandu jtella' bil-polza waħda (1) mill-applikazzjonijiet sottomessi. Dan għandu jsir fil-preżenza tal-applikanti kollha.

(6) Kopja tal-awtorizazzjoni jew ir-rifjut għandha tinżamm mill-Kunsill.

In-natura tal-attività.

5. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull applikazzjoni sottomessa skont il-Bye-Law 4, jekk in-natura tal-attività ma tkunx relatata, iżda mhux limitata għal: edukazzjoni, rikreazzjoni, kultura, reliġjon, konferenzi, filantropija, sports, politika jew kwalunkwe attività oħra li l-Kunsill ma japprovax.

L-awtorizzazzjoni mhix trasferibbli.

6. L-awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn il-Bye-Laws m'għandhiex tkun trasferibbli, sakemm il-Kunsill ma jkunx infurmat b'nota bil-miktub bid-dettalji kollha tal-persuna li ħa tieħu post il-persuna awtorizzata u l-Kunsill jagħti l-kunsens tiegħu.

Projbizzjoni ta' storbju eċċessiv.

7. Kull storbju eċċessiv għandu jieqaf sal-ħdax ta' bil-lejl (11.00 p.m.)

Prijorità tal-Kunsill Lokali.

8. Il-Kunsill għandu jingħata preferenzi għall-użu tal-faċilitajiet sakemm jiddikjara minn qabel l-attivitajiet fil-kalendarju ta' kull sena.

Responsabilità għad-danni.

9. Il-persuna awtorizzata għandha tinżamm responsabbli għad-danni kollha magħmula lill-faċilitajiet, jew lit-tagħmir jew għal kwalunkwe danni oħra li partijiet terzi jistgħu jsofru ġewwa l-faċilitajiet matul dik l-attività:

   Iżda meta l-persuna awtorizzata, tagħmel użu mhux xieraq ta' dawk il-faċilitajiet u/jew ma tosservax it-termini u l-kondizzjonijiet imsemmija fit-Tieni Skeda, il-Kunsill Lokali għandu jirrevoka din l-awtorizzazzjoni minnufih u d-depożitu mħallas skont Bye-Law ħdax (11) għandu jintilef favur il-Kunsill.

10. L-attrezzatura għanda tiġi użata biss għall-iskop li għalih tkun saret.

Depożitu.

11. Kull persuna li tapplika sabiex tuża l-faċilitajiet tista' tintalab tħallas id-depożitu elenkat fit-Tielet Skeda mal-applikazzjoni.

Pagamenti għall-użu tal-faċilitajiet

12. (1) Kull persuna awtorizzata għandha tħallas il-pagament għall-użu tal-faċilita' skont dak elenkat fir-Raba' Skeda sa mhux aktar tard minn seba' t'ijiem mill-ħruġ tal-awtorizzazzjoni.

(2) L-organizzazzjonijiet fil-lokalità jistaw bil-permess tal-Kunsill jużaw il-faċilitajiet mingħajr ħlas.

Kiri ta' Facilitaijiet u Attrezzatura

13. Minkejja dak imsemmi f'din il-Bye-Law, f'kaz li l-Kunsill jkun ser jikri xi facilita' u/jew attrezzatura fit-tul, dan jista' jsir permezz ta' ftehim jew koncessjoni.

14. Il-Kunsill jista' jikri l-attrezzatura jew is-servizzi tiegħu, diment li dak il-kiri huwa awtorizzat minn kwalunkwe liġi oħra fis-seħħ f'Malta skont ir-rati indikati fir-Raba' Skeda.

Użu ħazin tal-faċilitajiet u ksur tal-patijiet u kondizzjonijiet

15. Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-Bye-Laws, hija ħatja ta' kontravvenzjoni u tista' teħel multa (ammenda), ta' mhux inqas minn għoxrin euro (€20) u mhux aktar minn elf u ħames mitt euro (€1,500).

16. Il-Kunsill jista', b'żieda mal-penali stabbiliti fil-Bye-Law (14), jordna lill-persuna li tinsab ħatja ta' ksur li tagħmel it-tiswijiet meħtieġa li jkunu għas-sodisfazzjon tal-Kunsill:

Iżda l-persuna li tinsab ħatja tista' wkoll teħel ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull ġurnata li matulha ma jsirux it-tiswijiet, filwaqt li l-Kunsill ikollu dritt li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa bi spejjeż tal-persuna misjuba ħatja.

17. Il-Kunsill jista' jżomm rekord ta' kull ksur tal-kondizzjonijiet jew użu ħażin, u għandu jkun fid-diskrezjoni tal-Kunsill jekk għandhiex tinħareġ awtroizzazzjoni fil-futur lill-persuna awtorizzata li lilha tkun ġiet revokata l-awtroizzazzjoni kif indikat fil-Bye-Law disgħa (9).

## It-Tielet Skeda

(*Bye-law 11*)

**Depożitu għall-użu tal-Faċilitajiet jew kiri ta' Attrezzatura**

Id-depożitu għandu jkun ta' mija u ħamsin ewro (€150) għall-ġurnata sa massimu 6 siegħat fil-każ tal-Grawnd. Dan ma jkunx irkuprat lura jekk għal xi raġuni jew oħra l-użu ma jsirx. F' każ li l-booking ikun ikkanċelat sa minimu ta' ħamest ijiem qabel il-ġurnata bbukjata, il-Kunsill jirrifondi lura d-depożitu sħiħ.

## IT-TIENI SKEDA

(*Bye-law 4 u 9*)

**Pattijiet u Kondizzjonijiet għall-Awtorizzazzjoni u għall-użu tal-faċilitajiet**

1. L-awtorizzazzjoni hija valida għat-tul kif indikat fil-formola tal-applikazzjoni preskritta fl-Ewwel Skeda u bla ħsara għal xi kondizzjonijiet oħra stipulati mill-Kunsill.

2. Il-Kunsill għandu jkollu d-dritt li jirrevoka l-applikazzjoni fi kwalunkwe ħin fil-każ ta' kwalunkwe ksur tal-kondizzjonijiet stipulati u, jew kwalunkwe kondizzjoni oħra stipulata mill-Kunsill.

   Barra minn hekk, il-Kunsill għandu jirriserva d-dritt li jirrevoka din l-applikazzjoni jekkiqis li l-attività tmur kontra l-politika pubblika u l-morali.

3. Fil-każ ta' revoka tal-applikazzjoni, l-ebda rifużjonim'għandha tingħata lura lill-applikant.

4. Fil-każ ta' xi permessi, l-applikant għandu jkun responsabbli biex jikseb dawn il-permessi. Fil-każ fejn il-permessi jiġu miċħuda, il-Kunsill jista' jirriserva d-dritt lijżomm id-depożitu.

5. L-ebda attività m'għandha titwettaq lil hinn minn dak li kien iddikjarat fl-Ewwel Skeda.

6. L-applikant għandu jħalli l-faċilità nadifa u fl-ordni oriġinali tagħha, jekk dan ma jseħħx, il-Kunsill għandu jirriserva d-dritt li jżomm id-depożitu. Barra minn hekk il-Kunsill, għandu jirriserva d-dritt li jitlob ħlas ulterjuri għal kwalunkwe danni li setgħu ġew ikkawżati mill-applikant jew minn kwalunkwe parti terza oħra waqt l-attività.

7. Il-persuna awtorizzata għandha tassigura li mat-tmiem tal-awtorizzazzjoni l-faċilità titħalla fl-istat oriġinali li fiha kienet tinstab.

8. L-applikant għandu jkun responsabbli mill-faċilità f'kull ħin matul l-attività.

9. L-applikant għandu jiżgura li l-ebda inkonvenjenza jew inkonvenjent ma jkunu ikkawżati lill-pubbliku waqt l-attività.

10. Kull storbju għandu jieqaf fil-11:00pm.

11. Matul iż-żmien tal-attività, l-applikant għandu jħalli kopja tal-applikazzjoni fid-daħla tal-faċilità għall-informazzjon ital-pubbliku.

12. Kwalunkwe kondizzjoni jew kondizzjonijiet oħra li l-Kunsill Lokali jidirli li hija gusta u opportune

Ir-Raba Skeda

(*Bye-Law 12 u 13*)

Pagament għall-użu ta' Faċilitajiet jew kiri ta' Attrezzatura

- Irid jinkiteb kemm ha jkun il-pagament għall użu tal-faċilitajiet jew attrezzatura (jekk ux kollha l-istess jew hekk ux skont il-faċilita u għal kemm sigħat hija dik il-miżata).

Sala tal-Komunita'

- L-ammont ta' ħmistax-il ewro (€15) għal ewwel siegħa tal-kirja u għaxar ewro (€10) għal kull siegħa oħra.
- Ma jinżammx ħlas jekk min qiegħed jikri jagħti servizz fil-komunità
- F'każ ta' kirjiet fit-tul l-Kunsill Lokali jista' jidħol fi ftehim bi ħlas għal dan il-għan

Grawnd

- L-ammont ta' ħamsa u tletin ewro (€35) għal ewwel siegħa tal-kirja u tletin ewro (€30) għal kull siegħa oħra.
- Ma jinżammx ħlas jekk min qiegħed jikri jagħti servizz lill-komunita' jew għall-użu tal-Għaqdiet
- F'każ ta' kirjiet fit-tul l-Kunsill Lokali jista' jidħol fi ftehim bi ħlas għal dan il-għan

## L-Ewwel Skeda

(*Bye-law 4*)

## Applikazzjoni għall-Użu ta' Faċilitajiet jew Attrezzatura

Numru tal- Applikazzjoni: ....................................................

Isem: ....................................................

Kunjom: ....................................................

Karta tal-Identità / Numru tal-Passaport: ....................................................

Isem tal-Organizzazzjoni (jekk applikabbli): ....................................................

Pożizzjoni fl-Organizzazzjoni (jekk applikabbli): ....................................................

Indirizz:........................................................................................................................................................

........................................................................................................................................................

Numru tat-Telephone: ....................................................

Numru tal-mobile: ....................................................

L-indirizz elettroniku: ....................................................

Faċilita jew Attrezzatura rikjesta: ....................................................

Natura tal-attività: ....................................................

Ġranet ta' attività jew perjodu tal-kiri tal-attrezzatura:

Minn: ........../........../.................                Għal: ........../........../..............

Tul (Ħin):

Minn: ....... : ....... AM/PM                Sal ............ : .......... AM/PM

Attendenza mistennija (bejn wieħed u ieħor): ....................................................

Miżata tad-Dħul (jekk applikabbli): €....................................................

Depożitu mħallas: €....................................................

Data: ........................................                Firma: ........................................

GĦAL UŻU UFFIĊJALI:

Pagament mħallas: €......................... Numru tar-Riċevuta: .........................

Data: ........../........../...................... Ħin: ................. : ................ AM/PM

Kummenti mill-Kunsill (jekk applikabli):

........................................................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................................................
........................................................................................................................................................................................................
........................................................................................

Firma: ............................................ Nomina: ............................................

Timbru tal-Kunsill:

Dok [illegible] Tarxien Rainbows.

**Punti rigward l-użu tal-ground mit-Tarxien Rainbows.**

1. Mhux permess Tfal u ġenituri barra mill-ground waqt Training Sessions.
2. Qabel kull sessjoni għandha tinġabar iċ-ċavetta u tiġi mpustata fil-letter box tal-kunsill wara kull sessjoni. Min jiġbor iċ-ċavetta għandu jiffirma.
3. Ma jistax jiġi ikkunsmat ikel ġewwa.
4. Ma jistax isir użu minn żraben li mhux adattati għal fuq turf artifiċjali.
5. Ma jistax jiġi ikkunsmat alkahol ġewwa l-ground.
6. Tindif neċessarju għandu jsir mill-entita li tagħmel użu mill-ground.
7. Roti u scooters mhumiex permess li jidħlu fil-ground.
8. Il-Kunsill mhux ser jipprovdi Equipment, dan jrid jinġabar wara kull sessjoni. Il-Kunsill mhux responsabbli ta' Equipment li jitħalla fil-ground.

Dok B


Fun Walk
in Aid of Puttinu Cares
29 th September
FINISH
START
Registrations from
Tarxien Local Council Office
or SCAN QR CODE or
CLICK HERE TO REGISTER
PUTTINU CARES
#BEACTIVE
EUROPEAN WEEK OF SPORT
TARXIEN
Local Council

Dou C

Illum l-Erbgħa, 4 ta' Settembru 2024

Mozzjoni Ħaddiema Klerikali: Assistent Klerikali Kunsill Lokali Tarxien

B' reazzjoni għat-talba mibugħtha mis-Sa. Miriam Camilleri, ħaddiema klerikali fi skala 16 notch 7 għall-approvazzjoni ta' unpaid leave mill-Kunsill sabiex hija tkun tista' tmur bħala Position of Trust ġewwa Ministeru.

Jien, is-Sindku qed inressaq din il-mozzjoni sabiex mill-1 ta' Novembru 2024 din il-ħaddiema li tagħmel xogħol klerikali inkluż skeda tal-pagamenti, kwotazzjonijiet, xogħol fil-customer care u ħafna xogħol ieħor li huwa lilhinn mir-responsabbilitajiet ta' skala 16 titla' fi skala 15 fin-notch li jkun l-ogħla wara dak li hija għandha bħal issa.

Din il-mozzjoni qed issir għall-ġid tal-Kunsill anki jekk nafu li din mhix eliġobbli li titla' f' dan il-grad minħabba li m' għandiex il-kwalifiċi neċessarji imma ilha taħdem mal-Kunsill fi skala 16 għal dawn l-aħħar ħames snin. Dan sabiex l-unika impjegata li bħal issa qiegħda mal-Kunsill u taf tagħmel tajjeb dan ix-xogħol tiddeċiedi li tibqa' u tirrifjuta l-pożizzjoni l-oħra li ngħatat.

Proponent

Joseph Abela Galea

J A G

Sekondant

D. Vella